# San Ġorġ Preca

Kitba ta' Ġorġ Borg Soċju tal-M.U.S.E.U.M.

## SAN ĠORĠ PRECA U L-M.U.S.E.U.M. TAS-SUBIEN F'ĦAL GĦARGĦUR



Il-qasam tal-M.U.S.E.U.M. ta' Ħal Għargħur infetaħ fis-sena 1933 u l-ewwel Superjur kien Oreste Tabone li kellu negozju tal-ġild fi Triq San Pawl, il-Belt Valletta. Dan is-Superjur kien jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' Dun Ġorġ meta dan kien jistampa l-kitbiet tiegħu taħt format ta' folji (4 paġni) u kotba, kemm żgħar kif ukoll xi daqsxejn imdaqqsin. Dun Ġorġ stess kien jgħid, 'Meta ma jlaħħaqx il-but tiegħi, ilaħħaq il-but ta' Oreste."

Qabel ma nfetaħ il-M.U.S.E.U.M. tas-subien saret Sajda Museumina (serje ta' lezzjonijiet mifruxin fuq ħmistax-il ġurnata, waħda kuljum) u minn hemm xi żgħażagħ tħajru jmorru l-M.U.S.E.U.M. li kien ser jibda. Oreste kera remissa kbira u beda jlaqqa' lit-tfal hemmhekk. Wara, Ineż, oħt Oreste wirtet dar kbira fi Triq Mons. Luiġi Catania li qabel kienet tintuża bħala Għassa tal-Pulizija, u ħalliet lil ħuha jużaha bħala qasam tal-M.U.S.E.U.M., għalkemm il-kamra il-kbira ta' fuq ħallietha għaliha u kienet iżżommha msakkra. Aktar tard dik id-dar saret proprjetà tas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. bis-saħħa ta' testment li għamlet l-istess Ineż.

Is-Superjur Oreste kien joqgħod Birkirkara u kien jitla' kuljum f'Ħal Għargħur billi jikri karozzin.

Huwa kien bniedem ta' karattru kalm ħafna u baqa' magħruf kemm kien itella' rigali (santi kbar u kotba) lit-tfal u liż-żgħażagħ ta' Ħal Għargħur. L-istess kien jagħmel meta kienu jiġu l-irġiel jisimgħu l-konferenza minn soċju tal-MUSEUM il-Ħadd filgħaxija.

Meta nfetaħ il-MUSEUM ma' Oreste Tabone għamel xi żmien jitla wkoll Ġiovanni Briffa Brincati li kien soċju u li wara sar saċerdot. Il-Qaddis Ġorġ Preca kien iħobb ħafna lil Oreste u lil Briffa Brincati u għalhekk ta' sikwit kien jitla' fil-qasam tal-MUSEUM ta' Ħal Għargħur. Għal din l-okkażjoni s-Superjur Oreste kien jipprepara premjijiet iżjed mis-soltu billi t-tfal dakinhar kienu jiżdiedu u Dun Ġorġ kien jifraħ ħafna jara dik il-kwantità ta' tfal li kienu jiġu.

Sena wara li nfetaħ il-MUSEUM f'Ħal Għargħur jiġifieri fl-1934 San Ġorġ Preca darba tela' l-MUSEUM biex jagħmel lezzjoni u jikteb lin-nies fil-labtu tal-Karmnu. Ġara li kien hemm żewġ żgħażagħ xi ftit imħarbtin, Salvu Zarb u Karmnu Vella, it-tnejn ta' ftit iżjed minn għoxrin sena, li kienu sejrin lura lejn id-dar imdejqin u ddisprati għax tilfu somma flus mhux ħażin fil-logħob waqt li kienu f'ħanut ta' l-inbid. DunĠorġ kien għadu sejjer biex jagħmel il-lezzjoni tiegħu meta ltaqa' ma' dawn iż-żewġ żgħażagħ mir-raħal u ħajjarhom biex imorru jisimgħu l-priedka tiegħu. Salvu qallu, "Aħjar tagħtina xi ħaġa tal-flus għax illum tlifna kollox fil-logħob". San Ġorġ Preca baqa' jżiegħel bihom u jħajjarhom imorru u fl-aħħar bit-tielgħa u bin-nieżel marru u qagħdu jisimgħuh.

Meta ħarġu n-nies, Salvu u Karmnu ħassew xi jżommhom hemmhekk għax il-Qaddis Preca kien laqathom fil-laħam il-ħaj. Dun Ġorġ staqsihom iridux iqerru u dawn it-tnejn qerrew għandu, il-Qaddis kompla jħajjarhom biex jibdew jattendu l-MUSEUM. Dawn biex jeħilsu minnu qalulu 'iva', iżda l-għada ħassew li kellhom imorru tassew il-MUSEUM la darba lil Dun Ġorġ tawh il-kelma. Dawn iż-żewġ żgħażagħ marru u baqgħu jattendu kuljum l-MUSEUM.

Xi xahar wara Karmnu Vella marad b'deni qawwi u ftit wara miet. Salvu Zarb baqa' miblugħ u meta mar jagħti l-aħbar lil Dun Ġorġ dan qallu, "Sieħbek Karmnu mar jieħu l-premju ta' l-erbat ijiem li għamel fil-MUSEUM." Salvu, bil-mewt ta' sieħbu, iżjed issaħħaħ fil-vokazzjoni tiegħu tant li sar soċju bl-għajnuna wkoll ta' Briffa Brincati li kien joqgħod jgħallem lil Salvu jaqra bil-Malti (biex issir soċju tal-MUSEUM trid tkun taf taqra u tikteb xi ftit bil-Malti).

Salvu Zarb, maż-żmien, minn soċju sar ukoll Superjur tal-Qasam ta' Ħal Għargħur u dam f'din il-kariga ħmistax-il sena. Zarb miet fil-21 ta' Marzu 1993 wara li fl-aħħar snin ta' ħajtu kien rikoverat fl-Isptar San Vinċenz de Paul.

Fi żmien is-Superjur Salvu, San Ġorġ Preca ġieli wkoll tela' fir-raħal ta' Ħal Għargħur u żgur li għad hawn xi nies anzjani li għadhom jiftakru lil dan il-Qaddis Malti għaddej mit-toroq ta' dan ir-raħal għoli u tassew pittoresk; oħrajn għadhom żgur jiftakruh fil-lezzjonijiet li kien jagħmel lit-tfal u lill-kbar.

Tajjeb li wieħed jiftakar f'dan iżda huwa iżjed ta' ġid spiritwali li wieħed jiftakar kemm San Ġorġ Preca ħabrek biex Ġesù dejjem iżjed ikun magħruf u maħbub minn kulħadd. Dan il-messaġġ qawwi ta' dan l-ewwel Qaddis Malti kanonizzat jibqa' dejjem attwali u m'hux ser jiqdiem qatt, għax Ġesù (li San Ġorġ Preca tant kien iħobb) huwa l-bieraħ u llum, hu l-istess u jibqa għal dejjem (Lh. 13,8).